MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 20/2003

**Fiona Baldacchino**
**Vs**
**Adele Mallia**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-6 ta' Jannar, 2003 fejn l-attriċi talbet sabiex il-konvenuta tħallasha s-somma ta' Lm 60 (sittin lira Maltija) rappreżentanti d-danni minnha sofferti, konsistenti fil-valur ta' prodotti tax-xagħar misruqa mis-salon tagħha fil-Mosta.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-attriċi titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-konvenuta biex tħallasha s-somma ta' Lm 60 (sittin lira Maltija) rappreżentanti d-danni minnha sofferti, konsistenti fil-valur ta' prodotti tax-xagħar misruqa mis-salon tagħha 'La Stilista 2000' fil-Mosta, mill-konvenuta waqt il-perjodu ta' apprendistat ta' l-istess

konvenuta ma' l-attriċi, bl-ispejjeż kollha bl-imgħax legali kontra l-konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn ingħad illi:-

Il-konvenuta kienet impjegata bħala studenta ma' l-attriċi titgħallem is-sengħa u kienet ilha impjegata sentejn. Il-konvenuta kienet persuna fdata u kienet ukoll kultant tagħlaq il-ħanut hi.

Il-konvenuta kienet rarament, meta jkollha bżonn xi oġġett, kienet tieħdu u wara tinforma lill-attriċi u tħallsu jew tnaqqas il-prezz mill-paga.

Dawn l-istudenti jiġu mpjegati għal sentejn sakemm ikunu għadhom l-iskola u l-ETC tħallas parti mill-paga.

Il-konvenuta tissuspetta li l-attriċi riedet teħles mina billi waslet biex gipsy is-sentejn u s-salarju ma kienx jibqa' sussidjat mill-Gvern, biex timpjega studenta oħra.

Dakinhar ta' l-inċident il-konvenuta ħadet toner li jiswa Lm2.85 u bħalma ġieli għamlet kienet sejra tħallas qabel titlaq. L-attriċi rrappurtat lill-Pulizija li marru fuq il-post u fittxew fil-basket tal-konvenuta u sabu t-toner. Ġiet imħarrka kriminalment u ġiet liberata.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi, l-kawża si tratta talba għal pagament da parti ta' l-attriċi fil-konfront tal-konvenuta għal materjal ta' hair styling li suppost il-konvenuta ħadet waqt li kienet fl-impjieg ma' l-attriċi li għalihom ma ħallsitx. Meta f'okkażjoni minnhom bdiet tissuspetta li m'huwiex awtorizzat u lanqas pagat, issejħet il-Pulizija fuq il-post u nstab stoċċ wieħed fl-ammont bħala valur ta' żewġ liri Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm2.85). Il-konvenuta tammetti li hija tenuta tħallas dan l-ammont biss u mhux iżjed. Anzi tgħid fil-konfront ta' l-attriċi li tali azzjonijiet da parti ta' l-attriċi kienu fis-sens li peress li ż-

żmien ta' l-apprentistat kien wasal biex jispiċċa allura l-attriċi ivvintat stratagemma biex tkun tista' teħles mina. L-attriċi ssostni illi minn verifiki li għamlet wara dan l-istess inċident u anke qabel jirriżulta li kienu naqsulha bejn għoxrin (20) u ħamsa u għoxrin (25) stoċċ u tikkontendi li una volta li sabet dan l-istoċċ fuq il-konvenuta, allura dak minnha allegat li kien naqsilha, kienet ħaditu hi, allura kienet tenuta tħallsu hi ukoll.

Biex l-azzjoni attriċi tirnexxi fil-konfront tal-konvenuta, hija għanha fuqha d-dover li tipprova l-każ tagħha fuq bilanċ ta' probabilita' u mhux ta' possibilitajiet. Fil-kawża odjerna, kif jirriżulta mill-provi waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-allegazzjonijiet magħmula mill-attriċi fil-konfront tal-konvenuta huma rarament u unikament possibilitajiet. Tali possibilitajiet ma sabu l-ebda konfort fil-konfront tal-konvenuta minn xi xhieda esterna prodotta mill-istess attriċi. F'tali ċirkostanzi, it-Tribunal irid jiddeċiedi fuq il-fatti speċjali ta' dan il-każ kif riżultanti mill-provi prodotti quddiemhom mill-kontendenti rispettivi.

Una volta li l-grad tal-prova ma ġiex milħuq mill-attriċi u dana ai termini tal-massima legali onus probabli inegat allura t-talba attriċi ma tistax tkun waħda ta' suċċess.

Jiddeċiedi billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta, jiċħad it-talbiet ta' l-attriċi u in vista taċ-ċirkostanzi preċedenti tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------